# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 31**

**Rikors numru 1012/14/1 LM**

**Marika Mizzi**

**v.**

**Dr Joseph Muscat, Onor. Prim Ministru ta' Malta; u Mario Cutajar, Segretarju Permanenti Prinċipali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Settembru, 2016 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata") illi, għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talbiet tal-attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") bl-ispejjeż kontra tagħha;

2. Fl-azzjoni tagħha, l-appellanti kienet talbet li l-ewwel Qorti ssib li hija kienet intitolata għall-ħlas ta' somma miftehma fil-kuntratt tal-ingaġġ tagħha bħala *Communications Co-Ordinator* fis-Segretarjat tal-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika, bħala benefiċċju għat-temm tal-kuntratt; biex tillikwida s-somma mistħoqqa; issib li, mat-temm tal-ingaġġ tagħha minn mal-Gvern ma kinitx tħallset dak kollu li kien dovut lilha skond il-liġi, magħdud il-kumpens ta' frank mhux meħud; biex tillikwida s-somma hekk dovuta; u biex tikkundanna lill-imħarrkin Onorevoli Prim Ministru u Segretarju Permanenti Ewlieni (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") iħallsuha l-ammonti hekk likwidati;

3. L-appellati mill-ewwel laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-pretensjonijiet tal-appellanti ma kinux mistħoqqa u li hija tħallset dak kollu li kienet intitolata għalih mat-temm tal-ingaġġ tagħha. B'mod partikolari, ċaħdu li, fil-każ tagħha, kienu jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-klawsola tal-kuntratt imsemmi minnha jew li kien hemm każijiet fejn ħaddieħor fil-qagħda tagħha kien ingħata l-kumpens minnha pretiż;

4. Illi l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Illi l-kwistjoni bejn il-partijiet iddur ma' interpretazzjonijiet differenti li jagħtu tal-kuntratt inkwistjoni. Min-naħa tagħha l-attriċi tikkontendi illi l-kuntratt ta' impjieg tagħha datat April, 2009*[1] *ġie terminat unikament konsegwenza tal-bidla tal-Presidenza ta' Malta bil-ħatra tad-disa' President ta' Malta u għalhekk jiskattaw id-dispożizzjonijiet*

[1] A fol. 6 sa 12 tal-proċess.

*tal-klawżola 4.5 tal-imsemmi kuntratt u b'hekk l-attriċi hija intitolata għall-ħlas tas-somma li tiġi likwidata ai termini tal-istess artikolu. In sostenn ta' din l-interpretazzjoni xehed il-President Emeritus George Abela li stqarr li meta l-attriċi ġiet ingaġġata sabiex tirrendi servizz b'impjieg fis-Segretarjat tal-Uffiċċju tal-President bħala Communications Coordinator, hu kien fissrilha li l-ingaġġ tagħha kien ser jibda u jispiċċa mat-terminu tal-Presidenza tiegħu u mat-tmiem tal-impjieg tagħha kellha tkun intitolata għall-benefiċċju finanzjarju skont klawżola 4.5 tal-kuntratt ta' impjieg tagħha.*[2]

*Min-naħa tagħhom il-konvenuti jirritjenu illi d-dispożizzjonijiet tal-klawżola 4.5 tal-imsemmi kuntratt ma japplikawx għall-każ odjern u japplikaw biss għal ċirkostanzi mhux previsti tat-terminazzjoni tal-impjieg qabel l-iskadenza tat-terminu tal-kuntratt bħal pereżempju mewt jew riżenja tal-President fil-kors tat-terminu tal-Presidenza. Skont il-konvenuti l-imsemmija klawżola 4.5 ma tiskattax f'ċirkostanzi fejn l-impjegat ikun ħadem it-terminu sħiħ tal-kuntratt u l-kuntratt ma jiġix imġedded wara l-iskadenza naturali tiegħu u l-President ta' Malta jinbidel għax ikun skadielu t-terminu tal-Presidenza skont il-Kostituzzjoni.*

*Finalment il-kwistjoni prinċipali bejn il-partijiet f'din il-kawża tirrivolvi madwar id-dispożizzjonijiet tal-imsemmija klawżola 4.5 u jekk dak li ġie mifthiem bil-miktub huwiex biżżejjed ċar li ma jeħtieġx ebda interpretazzjoni.*

***Kunsiderazzjonijiet ta' dritt***

*Illi huwa minnu li l-interpretazzjoni ta' kuntratt hija l-indaġni intellettwali immirata biex issib it-tifsira regolamentari tal-akkordju milħuq bejn il-partijiet, billi ssir riferenza għall-fonti primarju tiegħu, iġifieri l-volontà komuni riżultanti mid-dikjarazzjonijiet jew il-komportament tal-partijiet. Tabilħaqq, il-**Code Napoleon**, fl-Artikolu 1156 tiegħu kien jgħid li on doit dans les conventions rechercher quelle a été la commune intention des parties contractantes, plutôt que s'arrêter au sens littéral des termes.*[3] *Din id-dispożizzjoni, li għandha l-impronta tal-**Pothier**, ġiet ikkritikata mil-**Laurent** (**Principes de Droit Civil**, Vol 16, para 502, paġna 580) għax donnha timplika li l-interpretu għandu dejjem ifittex x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet anke meta s-sens litterali tal-kliem ma jħalli l-ebda dubju, b'mod li din l-intenzjoni tiġi ppreferuta għall-ittra tal-kuntratt. Imma din ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. **Domat** ifformola din l-ewwel regola ta' interpretazzjoni ħafna aħjar: si les termes d'une convention paraissent contraires à l'intention des contractants, d'ailleurs evidente, il faut suivre cette intention plutôt*

[2] A fol. 56 tal-proċess.

[3] *"In agreements it is necessary to search into the mutual intention of the contracting parties rather than to stop at the literal sense of terms."* – **The Code Napoleon or the French Civil Code** (William Benning, Law Bookseller) 1827.

*que les termes* ***(Domat, Lois Civiles,*** *livre I, titre 1, sect II, art XI p.23).*

*Jikkumenta l-**Laurent**: Qabel kollox, wieħed irid jara jekk it-termini użati jidhrux kuntrarji għall-intenzjoni, iġifieri jekk ikunx hemm dubju dwar dak li jkunu riedu l-partijiet. Meta jeżisti dan id-dubju? Meta t-termini tal-kuntratt jagħtu lok għal interpretazzjonijiet differenti. Imma jekk it-termini jkunu ċari, jekk ma jħallu l-ebda dubju, wieħed irid iżomm mal-ittra miktuba, għaliex, f'dan il-każ ma jkunx hemm lok għall-interpretazzjoni. Huwa f'dan is-sens li esprimew ruħhom il-liġijiet Rumani (L.25 4 1, de legat, III (1.XXXII), Demente, t. V., p 112 no 73) u hekk ġie miftiehem fid-diskussjonijiet tal-**Conseil d'Ètat Français** (laqgħa tal-11 brumaire au XII no 55 (Locrè t. VI. P 84). Konkordi wkoll dejjem kienu d-dottrina u l-ġurisprudenza, skont l-adaġju antik: cum in verbis nulla ambiguitas est, non est movenda voluntatis quaestio.*

*Illi l-ġurisprudenza Maltija hija konformi ma' din l-aħħar linja ta' ħsieb:*

> *"Tajjeb li jiġi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi hu paċifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-diċitura tal-kuntratt tkun waħda ċara allura ma huwiex leċitu għall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindaħal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan kif jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16."*[4]
>
> *Fis-sistema tal-liġi tagħna huwa prinċipju notorju ben affermat illi "fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall--konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imma hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill--kontraenti li għandu jgħodd."* ***(John Zammit et vs. Michael Zammit Tabona proprio et nomine,*** *Appell, 28 ta' Frar, 1997)."*[5]
>
> *Jinsab sewwa osservat illi "il segno più comune col quale gli uomini manifestano i loro pensieri, la volontà loro, sono le parole, ma questa accade non raro che siano oscure, equivoche ed ambigue; accade che se pur chiare, lascino ragionevolmente dubitare se abbiano tradito l'intenzione di chi le emette. Quindi la necessità della interpretazione, la quale bensi è troppo rischioso abbandonare allo sfreno delle opinioni, e vuol essere guidata dai canoni che la sapienza dottrinale e legislative somministrò quali criteri direttivi delle indagini intese a penetrare il pensiero, a conoscere la volontà umana" –**Marchesa Maria vedova Testaferrata***

---

4 **Gemma Fenech v. John Bugeja,** 20.10.2003, QA.
5 **Abela Joseph v. A.A. Construction Ltd.,** 17.03.2004, PA.

> ***Olivier vs. Nob. Camilla moglie di Nicola dei Bani**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 18 ta' Ġunju, 1889.*
>
> *Dan preċiżat, hi regola primarja tal-ermenewtika kontrattwali, preskritta fl-Art. 1002 tal-Kodiċi Ċivili, illi meta l-kliem tal-konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu fiż-żmien li sar il-kuntratt hu ċar, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni u allura "l-interpreti għandu joqgħod għal dawn il-kliem u mhux jirrikorri għal konġetturi" (Kollez. Vol. XXXVI p I p. 191).*
>
> *B'eċċezzjoni għal din ir-regola jinsab dettat fl-Artikolu 1003 tal-istess Kodiċi illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. F'din l-aħħar ipotesi jinsab insenjat illi r-regoli li għandhom jiġu persegwiti huma dawk tal-interpretazzjoni awtentika li l-istess partijiet ikunu taw lill-patt ta' bejniethom. Dan jista' jiġi deżunt mill-kliem infushom adoperati. F'każ ta' ambigwità l-interpretazzjoni għandha tittieħed mill-indoli tal-kuntratt u minn dik manifesta mill-kumpless tal-konvenzjonijiet. "Non da testimoni, non da altre carte scritte o da qualsiasi altro mezzo estrinseco al contratto del quale si tratta, ma da tutto il contenuto nello stesso contratto, deve apparire ed apparire manifesta, non dubbiosa, la intenzione diversa da quel che direbbe il senso letterale di una proposizione incautamente sfuggita" (Vol XII p265)."[6].*
>
> *Mhux lanqas ozjuż li jingħad li, stabbilit il-prinċipju inkonkuss, loġiku u naturali, li r-rabta tal-konvenzjonijiet titnissel neċessarjament mill-unjoni tal-kunsens tal-kontraenti, il-konsegwenza hija li l-kliem tal-konvenzjoni għandhom (1) jassumu s-sens li l-partijiet li jkunu ntrabtu jkunu manifestament riedu jagħtuhom, jew jassumu s-sinifikat li (2) l-manjiera komuni tal-espressjoni 'per se' tiddetermina, jew (3) il-verità tal-operat tirrikjedi" (Vol. XXXIV P I p 31)".[7]*

*Illi jispjega l-**Laurent** (op. cit. paġna 581):*

> *"la raison on est que l'intention des parties s'exprime par les termes dont elles se servent; quand donc les termes sont claires, l'intention, par cela même, est certaine; si, dan ce cas, on allait à la recherche de l'intention clairement manifestée par les parties elles-mêmes l'intention telle que l'interprete l'établirait, par des voies plus au moins conjecturales, c'est-à-dire que l'on prefererait à une intention certaine une intention incertain".*

*Illi **Domat** jgħid ukoll li dan ma jfissirx li l-imħallef għandu dejjem joqgħod għall-ittra tal-kuntratt:*

[6] **Bugeja Josephine v. Mifsud Joseph,** 28.04.2004, QA.
[7] P**aul Camilleri et. v. Joseph Glanville et**, PA, 28.04.2003.

> *"Quand il est evident que les termes dont les parties se sont servies ne repondent pas à leur pensee, il faut certainement s'en tenir à l'esprit de preference à la letter".*

*L-ewwel* ***Kodici Ċivili Taljan*** *kien jixbaħ lill-***Code Napoleon***. L-Artikolu 1131 tiegħu kien jgħid: Nei contratti se deve indagare quale sia stata la comune intenzione delle parti contraenti, anzichè stare al senso letterale delle parole. Dan l-artikolu huwa riproduzzjoni ta' framment ta' Papinjanu, il-princep tal-ġuriskonsulti Rumani: in conventionibus contrahentium voluntatem potius quam verba spectari piacuit (fr. 219, D. de verb. Significatione L 16). Imma, kif jgħid* ***Guido Lomanaco*** *(***Delle Obbligazioni***, Vol 1, paġna 250) biex wieħed ma jaqax fi żbalji deplorevoli, wieħed irid jifhem eżattament it-tifsira kemm tal-Artikolu 1131 kif ukoll tal-framment ta' Papinjanu:*

> *Quando si tratta della interpretazione della legge, è indubitato che si deve procedere alla medesima anche quando la legge sia chiara. Ben è vero che Giustiniano e Napoleone ritennero il contrario; ma il loro avviso non può essere seguito. Il precetto del legislatore si deve applicare non solo alle relazioni giuridiche espressamente contemplate, ma eziandio a tutte le altre relazioni giuridiche, che sono analoghe a quelle di cui il legislatore si è specialmente occupato. La interpretazione, dice benissimo il Laurent, è una necessità permanente, qualunque siano i perfezionamenti della legislazione (V. LAURENT, Principes de droit civil, I, 270). Quando pure il legislatore potesse contemplare espressamente tutte le relazione giuridiche che si sono avverate sino al momento della promulgazione della legge, immediatamente dopo questa promulgazione sorgerebbero delle nuove relazioni. Per applicare la legge esistene a queste relazioni, sorte dopo la promulgazione della legge (ad casus postnatos, qui in rerum natura non fuerunt tempore legis latae, direbbe Bacone), sarà sempre necessaria l'opera dell'interprete.*
>
> *Invece, in tema d'interpretazione di un contratto, non vi ha luogo ad interpretazione, se non quando i termini del contratto sono oscuri ed ambigui. Soltanto allora l'autorità giudiziaria ha il diritto, e nel medesimo tempo il dovere, di far prevalere la intenzione comune delle parti al senso letterale delle parole, quando queste parole offrono dell'oscurità, dell'ambiguità. – Troviamo in proposito nelle fonti due frammenti, dove è stabilito questo principio: "In ambiguis orationibus. – Quod factum est, cum in obscuro sit, ex affectione cuiusque capit interpretationem" (Fr. 96, D. de regulis juris, L. 17. – Fr. 168, D. Ibidem).*
>
> *Noteremo col Demolombe, che sarebbe un abuso ferace di conseguenze tristissime, il sostituire un'interpretazione più o meno divinatoria al senso netto e preciso che presentano i termini stessi del contratto (V. DEMOLOMBE, XXV, 4). Diceva il giureconsulto Marcello: "Non aliter a significatione*

> *verborum recedi oportet, quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem" (Fr. 69, pr. D. de legatis, III, XXXII). Questo principio enunciato dal giureconsulto romano in tema di testamenti, riceve senza dubbio la sua applicazione anche in tema di contratti. Come non è lecita la inosservanza dei supremi voleri del morente, così non deve esser lecito di contrastare la volontà chiaramente espressa dalle parti contraenti.*
>
> *E, quando si dà uno sguardo ai lavori preparatori del Codice francese, si legge una dichiarazione fatta in proposito dal Bigot-Preameneu, nel Consiglio di Stato. Rispondendo alle osservazioni del Defermon, egli disse che la regola, doversi indagare la comune intenzione delle parti anzichè stare al senso letterale delle parole, era stabilita per caso où les termes expriment mal l'intention des parties (V. TOULLIER, Ibidem).".*

*Illi l-liġi tagħna hija espressa b'mod iktar preċiż u iktar konformi ma' dak li ġie stabbilit kostantement mid-dottrina u l-ġurisprudenza billi l-Artikolu 1002 ta' Kap. 16 jistipula li meta l-kliem ta' ftehim hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni. Imbagħad l-Artikolu 1003 tal-Kap. 16 jgħid li meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet. Għalhekk hija konsentita l-interpretazzjoni biss jekk mill-kumpless tal-kuntratt innifsu jkun jidher ovvju li l-partijiet ma jkunux riedu tabilħaqq ifissru dak li kitbu. Imma, min-naħa l-oħra, meta l-kontraenti jkunu taw espressjoni bil-kitba tal-volontà tagħhom l-ebda inġerenza ma hi tollerabbli biex timla l-lacuna ta' dak li wieħed mill-kontraenti seta' kellu in forma mentis iżda li b'danakollu ma ġietx ukoll hekk minnu espressa (Prim'Awla,* ***Paul Camilleri et vs. Joseph Glanville et noe et*** *– 28.04.2003).*

*Intqal ukoll mill-Qorti tal-Appelli Ċivili (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Clementino Caruana et vs. Emmanuela Agius*** *(22.11.2002):*

> *"L-ewwel regola fondamentali tal-interpretazzjoni hi dik dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Ċivili li tgħid li meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għall-interpretazzjoni. (Vol XXXIV p1 p27). L-interpretazzjoni għandha biss tittieħed mill-att stess, u mhux minn provi estraneji, speċjalment meta l-interpretazzjoni hija relativa għall-kwistjoni prinċipali (Vol XXXI.i.49).*
>
> *Regola oħra daqstant importanti ta' interpretazzjoni hi dik li nsibu fl-Artikolu 1003, u ċjoè, li meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kif tkun tidher ċara mill-pattijiet meħudin flimkien, għandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar din ir-regola ġie hekk osservat:-*

> *"Issa din ir-regola għandha tiġi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirriżulta bla dubju illi s-sens tal-klawżola li jkun jista' biss jiġi interpretat b'mod univoku għax hu ċar. Irid jirriżulta wkoll li dan is-sens ċar tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'moħħom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi waħda mill-partijiet kellha f'rasha. U dan irid jidher ċar mill-pattijiet kollha tal-kuntratt meħudin flimkien" –* ***John Bartolo et vs. Alfred Petroni et,*** *Appell, 7 ta' Ottubru, 1997.*

> *"Ben tajjeb, imbagħad, ġie senjalat illi "fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti għall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom mogħti li jiswa imma hu l-qari oġġettiv tal-ġudikant li jagħti lill-kliem is-sens ordinarju tiegħu fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jgħodd" -* ***John Zammit vs. Michael Zammit Tabone et noe****, Appell, 28 ta' Frar, 1997.*

*Fl-aħħar nett intqal ukoll fid-deċiżjonijiet* ***Giuseppe De Raffaele vs. Carmelo Calleja*** *Appell, 5 ta' Ottubru, 1962 u* ***Giuseppe Mifsud vs. Paolo Camilleri,*** *Appell Ċivili, 23 ta' Ottubru, 1967 illi f'każijiet simili l-kwistjoni ma tistax tiġi risoluta ħlief fuq il-bażi tal-kuntratt kif avvalorat b'dik il-pjanta anki jekk din ma tikkorrispondix eżattament għall-intenzjoni oriġinali tal-partijiet jew għal xi ftehim verbali li talvolta seta' sar bejniethom jew anki tkun ġiet konsenjata lill-akkwirent art iżjed.*

*Illi fl-aħħar nett, kif tajjeb jikteb* ***Giovanni Criscuoli, Il Contratto, Itinerari normative e riscontri giurisprudenziali,*** *Cedam, 1996 a propożitu tal-Artikolu 1363 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, identiku għall-Artikolu 1008 tal-Kodiċi Ċivili Malti: "Il-klawżoli kollha ta' kuntratt jitfissru l-waħda bl-oħra, billi lil kull klawżola jingħata s-sens li jidher mill-att kollu" li:*

> *"La regola ha il suo fondamento logico in ciò che il contratto, come ogni altro atto espressivo di un intento, non può non essere caratterizzato, quando sia formato da una pluralità di determinazioni, di una linea di coerenza alla stregua della quale ciascuna clausola che concorre a formarlo, lungi dal costituire una monade isolata, coordinandosi con le altre, getta luce sul tutto. Un corollario naturale della necessità di procedure ad una considerazione globale del contesto contrattuale è l'irrelevanza della collocazione topografica delle singole clausole che lo compongono."*[8]

***Ikkunsidrat:***

*Illi konformement mat-tagħlim fuq espost, l-ewwel indaġni li trid issir hija jekk il-kliem tal-kuntratt huwiex ċar, għaliex jekk huwa ċar, m'hemmx lok għal interpretazzjoni.*

---

[8] Ibid., paġna 141

*Illi ta' min jgħid qabelxejn illi hija l-attriċi stess li ssostni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha[9] li klawżola 4.5 hija ċara u li ma hemm ebda lok għal interpretazzjoni, anki jekk dak li huwa ċar għaliha mhux dak li hu ċar għall-konvenuti.*

*Illi klawżola 4.5 tal-kuntratt, li fuqha qed tibbaża t-talbiet tagħha l-attriċi, tikkontempla benefiċċju terminali "in the event of termination of Contract due to a change of the President". Il-kelma "termination" jew varjazzjonijiet tagħha bħal "terminated" tinstab f'diversi klawżoli oħra tal-kuntratt. Hekk pereżempju klawżola 4.3 tistipula li "Government may, without fault or liability, terminate this contract forthwith in the event that the officer neglects her duties …"; klawżola 4.4 tgħid li "the contract may be terminated by Government by giving one (1) month's written notice"; klawżola 4.6 tgħid li "The Officer may, at any time after the expiration of one month from the commencement of this Contract, terminate her contract by giving one month's notice in writing".*

*Il-kelma inkwistjoni ('termination') hija użata fiċ-ċirkostanza li l-kuntratt jiġi mwaqqaf qabel ma jiskadi u ċjoè qabel ma jgħaddi l-perijodu ta' sena. Għal kuntrarju, fejn il-kuntratt jitkellem dwar it-tmiem tal-kuntratt għeluq il-perijodu ta' sena, ma tintużax il-kelma 'termination' imma l-kelma 'expiry'. Hekk skont klawżola 4.9, "one month prior to the expiry of this contract" l-impjegata trid tinforma lill-Gvern jekk trid iġġedded il-kuntratt. Hekk ukoll, skont klawżola 3.6.i. "If prior to the expiry of a fixed-term contract of employment, the employer offers to extend the contract for at least a further six-month period, the contractee will have to fulfill the obligations mentioned in the said provision". Tabilħaqq, 'expiry' tfisser skadenza jew għeluq iż-żmien; 'terminate' filwaqt li tista' tfisser l-istess bħal 'expire' tista' tfisser ukoll 'mitmum qabel iż-żmien' u huwa evidenti mill-preċitati klawżoli tal-kuntratt li fil-kuntratt ġiet użata f'dan l-aħħar sens.*

*Illi klawżola 4.4 tiddistingwi bejn it-terminazzjoni tal-kuntratt u n-nuqqas ta' tiġdid tiegħu: "In the event that the contract is not renewed or is terminated". Ma jista' jkun hemm lok għal ebda dubju għalhekk li meta l-kuntratt ma jiġġeddidx – bħalma ġara fil-każ tal-attriċi – dan ma jistax jingħad li jkun qiegħed jiġi terminat.*

*Illi fil-każ tal-attriċi, ma kienx hemm "termination of contract" imma sempliċiment 'expiry' għax skada ż-żmien tat-terminu pattuwit. Wisq inqas ma kien hemm "termination of Contract due to a change of the President" għax li ġara kien li b'koinċidenza, il-kuntratt tagħha skada dakinhar li l-President temm il-ħatra tiegħu. Huwa minnu li l-kuntratt ma ġiex imġedded mill-President il-ġdid, imma dan ma jfissirx li l-kuntratt ġie itterminat fis-sens fuq spjegat.*

[9] A fol. 104 tal-proċess.

*Illi l-attriċi tisħaq li l-kliem fi klawżola 4.5 "in the event of termination of Contract due to a change of the President" ikopri l-każ tagħha għaliex il-kuntratt tagħha ma ġġeddidx proprju meta inbidel il-President. Iżda dan il-kliem fi klawżola 4.5 ma jista' jfisser xejn għajr li jagħmel riferiment għaċ-ċirkostanza li fiha, waqt li jkun għadu għaddej iż-żmien tal-kuntratt, jinbidel il-President u l-kuntratt jiġi terminat qabel jiġi fi tmiemu l-perijodu stipulat kollu tiegħu ta' sena. Din mhix xi interpretazzjoni li l-Qorti qed tagħmel fuq l-awtorità tagħha, imma qed issir b'applikazzjoni tar-regola tal-Artikolu 1008 tal-Kodiċi Ċivili suċċitata li l-klawżoli ta' kuntratt jitfissru waħda bl-oħra. Dan billi skont klawżola 3.5.i. tal-kuntratt, l-uffiċjal tkun intitolata għall-ħlas ta' vacation leave akkumulat "in the exceptional event that this contract is terminated in conformity with clause 4.5". Kliem li ma jħalli l-ebda lok għal xi ekwivoku.*

*Il-bidla ta' President tar-Repubblika mhix xi ħaġa eċċezzjonali anzi hija għalkollox prevedibbli billi sa issa dejjem saret fit-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin ta' Presidenza skont il-Kostituzzjoni. Il-fatt li klawżola 3.5.i. tirreferi għal bidla tal-President bħala ġrajja eċċezzjonali ("in the exceptional event…") ma jista' jkollha l-ebda tifsira oħra għajr il-bidla ta' President qabel jintemm it-terminu normali tiegħu minħabba pereżempju riżenja jew mewt.*

*Illi fid-dawl ta' dan il-kliem hekk ċar fil-kuntratt, x'fehmu soġġettivament xi jfisser il-partijiet li ffirmawh, inkluż bir-rispett kollu l-President Emeritu innifsu, ma jistax jissufraga l-każ tal-attriċi. Kif tajjeb jikteb* ***Giovanni Criscuoli, Il Contratto, Itinerari normative e riscontri giurisprudenziali****, Cedam, 1996, paġna 335, 336:*

> *"L'interpretazione del contratto richiama, peraltro, l'analogo procedimento della interpretazione della legge. Entrambi i procedimenti hanno in comune il medesimo scopo di conoscere una volontà regolamentare: quella del legislatore espressa nel 'testo' di legge e quella dei contraenti risultante dal 'testo' contrattuale. Non si dimentichi, in proposito, che la volontà del legislatore (o della legge) non si identifica con la volontà personale dei soggetti che la hanno votata, e che, allo stesso modo, la volontà contrattuale non coincide con la volontà psicologica (o interna) dei singoli contraenti. In ambedue i casi la volontà, una volta affidata ad una forma e staccatasi dai suoi autori, si oggettivizza, ed è appunto la volontà oggettiva della legge o del contratto che l'interpretazione deve accertare".*

*"Illi lanqas tista' tgħin id-depożizzjoni ta'* ***Edgar Galea Curmi***[10]*, li fiż-żmien inkwistjoni kien il-Kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru, li qal li l-iskop tat-terminal benefit kien biex jagħti nifs lil uffiċjali li jkunu okkupaw positions of trust biex jerġgħu jintegraw fis-settur privat għeluq il-perijodu ta' servizz tagħhom. Huwa jagħmel riferiment għal persuna li skontu ngħatat it-terminal benefit wara li skada (mhux*

[10] A fol. 36-45 tal-proċess.

*itterminat) l-kuntratt tagħha, iżda ma jispeċifikax min kienet din il-persuna u stqarr ukoll li ma setax jitkellem b'ċertezza dwar dan:*

> *"**Avukat Ian Spiteri Bailey**: Ha nagħmillek din id-domanda jekk taf taf, jekk ma tafx ma tafx. Meta spiċċa l-President Emeritu Eddie Fenech Adami taf jekk kienx hemm min użufruwixxa ruħu minn din il-klawżola?*
>
> ***Edgar Galea Curmi:** Ma nistax nitkellem b'ċertezza, però l-impressjoni tiegħi hija li kien hemm persuna waħda li kienet minn barra, ġiet intitolata għal din (il-klawżola), però mbagħad l-istess persuna ġiet imsejħa lura mill-President Emeritus George Abela u minħabba li daħħalha lura tilfet, kellha tirrifondi lura l-benefiċċju. Jiġifieri din kienet każ simili, ġiet fit-tmiem intitolata, tħallset imma mbagħad l-President sejħilha lura, allura kif tgħid il-klawżola stess minħabba li fl-ewwel sitt xhur ingħatat, kellha tirrifondiha lura. Din hija l-impressjoni però ma nafx ngħidlek mija fil-mija. Wieħed ikun jista' jiċċekkja fil-każ".*

*Min-naħa tiegħu ix-xhud **Gordon Pisani**[11], li fil-perijodu bejn l-2008 u l-2013 kien jaħdem bħala kap tal-Komunikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, waqt ix-xhieda tiegħu isemmi erba' persuni li ġew ingaġġjati minn barra ċ-Ċivil li kienu bbenefikaw mit-terminal benefits taħt klawżola 4.5. Iżda ma jirriżultax li hekk kien il-każ billi l-kuntratt tal-erba' persuni msemmija mix-xhud Gordon Pisani kien ġie tterminat u ċjoè mwaqqaf qabel ma skada, anki jekk f'każ minnhom il-kuntratt kellu jiskadi jumejn biss wara d-data tal-elezzjoni ġenerali, u dan kif jirriżulta mix-xhieda ta' **Espedito Grech**[12], Director HR Management Systems tal-PAHRO.*

*Illi għandu jiġi rrilevat ukoll illi l-kuntratt ta' impjieg li kellha l-attriċi mas-Segretarjat tal-Uffiċċju tal-President ma kienx kuntratt ta' impjieg li ġie negozjat ad hoc imma kien standard contract bi standard conditions maħruġ mill-PAHRO għall-persuni f'position of trust bħalma kienet l-attriċi u għalhekk żgur mhuwiex il-każ li klawżola 4.5 tal-kuntratt tingħata interpretazzjoni estensiva lil hinn minn dak li hemm imfisser b'mod ċar fl-imsemmi ftehim.*

*Illi fix-xhieda tal-**President Emeritus Dr George Abela**[13] ġew spjegati ċ-ċirkostanzi kif l-attriċi allavolja kienet ġiet ingaġġata minn barra iċ-Ċivil, hija kienet bdiet fl-impjieg tagħha bħala Communications Coordinator fl-Uffiċċju tal-President proprju mill-ewwel ġurnata tal-Presidenza ta' Dr George Abela. Dan peress li kien ilu magħruf minn Jannar 2009 li f'April 2009 Dr George Abela kien ser isir President u għalhekk l-ingaġġ tal-attriċi seta' jseħħ mill-ewwel jum tal-Presidenza.*

---

[11] A fol. 60 sa 63 tal-proċess.
[12] A fol. 77 sa 82 tal-proċess.
[13] A fol. 54 sa 57 tal-proċess.

*Fil-fatt, il-każ tal-attriċi huwa uniku u qatt ma kien hemm ieħor bħalu u għalhekk ma tistax tiġi ċċitata xi prattika li tista' b'xi mod tinfluwenza l-interpretazzjoni tal-kuntratt jew addirittura turi li saret xi forma ta' diskriminazzjoni mal-attriċi. Ma nġiebet ebda prova mill-attriċi illi f'ċirkostanzi bħal jew simili għal dawk tagħha ngħata xi trattament differenti lil ħaddieħor.*

*Illi kwantu għat-tielet talba, ir-raba' talba, u dik il-parti tal-ħames talba li hija konsegwenzjali għat-tielet u r-raba' talba, filwaqt li mill-provi jirriżulta li l-attriċi tħallset kulma kien dovut lilha bħala paga sal-aħħar ġurnata li kellha taħdem skont il-kuntratt ta' impjieg tagħha, hija ma resqet ebda provi dwar x'suppost kellha titħallas għal leave akkumulat u ma tħallsitx tiegħu.*[14]";

5. Billi ħassitha aggravata bis-sentenza appellata, b'Rikors tal-Appell imressaq minnha fit-13 ta' Ottubru, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellanti talbet li din il-Qorti jogħġobha tħassarha billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mqajma mill-appellati u billi tilqa' t-talbiet magħmulin minnha, jew liema minnhom, fir-rikors promotur;

6. Bit-Tweġiba mressqa minnhom fl-24 ta' Ottubru, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellati qalu li l-appell ma jistħoqqlux jintlaqa' u din il-Qorti jmissha tiċħdu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-12 ta' Ottubru, 2021, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[14] Ara prospett ippreżentat mill-attriċi li jinsab a fol. 68 tal-proċess.

***Ikkunsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' benefiċċji mhux imħallsin marbuta ma' temm ta' ingaġġ f'kuntratt ta' servizz ta' uffiċjal fis-servizz pubbliku fuq bażi ta' pożizzjoni ta' fiduċja. F'April tal-2009, l-appellanti kienet ingħatat kuntratt ta' servizz għal żmien definit bħala uffiċjal tal-komunikazzjonijiet fi ħdan is-Segretarjat fl-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika. Il-kuntratt kien għal żmien sena b'seħħ mill-erbgħa (4) ta' April, 2009, u taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Il-kuntratt baqa' jiġġedded b'sena sena sal-2014. Mat-temm tal-ħatra tal-President, kienet mgħarrfa li l-ingaġġ tagħha kien intemm ukoll. Hija tgħid li, skond il-kuntratt tas-servizz li ngħatalha, kien jistħoqqilha tibbenefika minn ħlas ta' benefiċċju tat-temm tal-ingaġġ. L-appellati laqgħu għal dawn il-pretensjonijiet billi qalu li, ladarba l-ingaġġ intemm għaliex intemmet il-Presidenza, l-appellanti ma għandha l-ebda jedd għall-ħlas tas-somma maħsuba bħala benefiċċju tat-temm tal-ingaġġ, għaliex tali ħlas kien ikun dovut biss jekk kemm-il darba t-temm tal-ingaġġ kellu jseħħ f'ċirkostanzi li ma jiddependux mill-għeluq taż-żmien "naturali" tal-kuntratt. L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-appellati u sabet li l-appellanti ma kellha l-ebda jedd għall-ħlas tat-*terminal benefit* miftiehem u, billi ntwera li hija kienet tħallset kulma kien dovut lilha bħala paga sal-aħħar ġurnata li kellha taħdem skond il-kuntratt tal-ingaġġ tagħha, ċaħdet ukoll it-talba

għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' frank mhux meħud, billi ma kienet ressqet l-ebda prova dwar x'suppost kellha titħallas għall-frank miġmugħ li ma kinitx tħallset tiegħu;

10. Illi l-appellanti qajmet **żewġ aggravji** mis-sentenza appellata. Bl-ewwel aggravju, hija tgħid li l-ewwel Qorti fissret ħażin il-klawsola tal-benefiċċju tat-temm tal-ingaġġ u li ma kellhiex taqbel mat-tifsira li jagħtu l-appellati li dik il-klawsola kienet tgħodd biss meta jkun hemm xi ċirkostanza "eċċezzjonali" marbuta mat-temm tal-ingaġġ. Fit-tieni aggravju, b'mod sussidjarju għall-ewwel wieħed, l-appellanti tgħid li l-fehma tal-partijiet meta daħlu għall-kuntratt kienet li dik il-klawsola kellha tgħodd ukoll sewwasew fiċ-ċirkostanzi li l-ingaġġ tagħha ma kellux jiġġedded mat-temm taż-żmien tal-kariga tal-President tar-Repubblika;

11. Illi mill-mod kif l-appellanti fasslet ir-Rikors tal-Appell tagħha u mill-aggravji msemmija, din il-Qorti ssib li l-appell huwa limitat għall-ewwel u t-tieni talbiet attriċi u għall-ħames talba attriċi safejn tirrigwarda dawk iż-żewġ talbiet. Ma jidhirx li l-appellanti qiegħda tappella minn dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda ċ-ċaħda tat-tielet u tar-raba' talbiet tagħha u safejn il-ħames talba attriċi tirrigwardahom. Għalhekk, dik il-parti tas-sentenza appellata tikkostitwixxi ġudikat;

12. Illi dwar l-**ewwel aggravju** tagħha l-appellanti tisħaq li għall-każ tagħha kienet tiswa l-klawsola 4.5 tal-kuntratt ta' mpieg u li dik il-klawsola kienet daqshekk ċara fit-tifsila tagħha li ma kienx hemm bżonn tal-ebda interpretazzjoni tagħha. Tgħid li l-ewwel Qorti tat lil dik il-klawsola tifsira li ma toħroġx mill-kliem miktub u lanqas minn kif kien maħsub it-tħaddim tagħha, u dan billi dik il-Qorti ddistingwiet bejn temm ta' kuntratt qabel il-waqt u l-iskadenza tal-kuntratt mal-għeluq taż-żmien miftiehem u sabet li l-klawsola msemmija kienet titħaddem biss meta sseħħ l-ewwel minn dawn iż-żewġ ġrajjiet. L-appellanti tisħaq li, fil-każ tagħha, l-għeluq tal-kuntratt tal-impieg tagħha u l-kontinġenza maħsuba fl-imsemmija klawsola (it-temm tal-ħatra tal-President tar-Repubblika) seħħet fl-istess jum u ma hemm l-ebda raġuni għaliex, minħabba f'dik iċ-ċirkostanza, hija għandha titlef il-benefiċċju tal-ħlas hemm maħsub. Ittemm tgħid li bit-tifsira li l-ewwel Qorti tat lil dik il-klawsola, hija kien ikun jistħoqqilha tirċievi l-benefiċċji tat-temm tal-impieg li kieku l-kuntratt tagħha kellu jagħlaq imqar l-għada li tintemm il-ħatra tal-President tar-Repubblika liema temm, tisħaq l-appellanti, la huwa ċirkostanza mhux maħsuba u wisq anqas eċċezzjonali minħabba li hija regolata bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu relattiv tal-Kostituzzjoni[15];

13. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li wieħed ma jistax jaqra l-klawsola 4.5 tal-kuntratt tal-ingaġġ bla ma jaraha fil-qafas tal-

[15] Art. 48(3)(a)

kuntratt kollu. Jisħqu li, kemm hu hekk, dik il-klawsola hija kwalifikata minn dak li ssemmi klawsola oħra fil-kuntratt – il-klwasola 3.5.i – li sewwasew tuża l-kliem ġrajja eċċezzjonali ("*exceptional event*") biex tfisser dak li huwa maħsub fil-klawsola 4.5. Itennu li l-għan tal-imsemmija klawsola huwa dak li tagħti ħarsien lil impjegat fil-każ li sseħħ xi ġrajja maħsuba f'dik il-klawsola (bħalma huwa t-tmiem qabel waqtu tal-ħatra tal-President) qabel ma jkun intemm il-kuntratt tal-ingaġġ. Għalhekk, jgħidu li t-tifsira li l-ewwel Qorti tat lil dik il-klawsola kienet dik mistħoqqa u jżidu li l-kuntratt tal-ingaġġ tal-appellanti ntemm b'mod naturali għaliex skada ż-żmien (estiż) kif maqbul, u mhux minħabba t-temm tal-ħatra tal-President tar-Repubblika. L-appellati jwarrbu kemm l-argument tal-appellanti li kien hemm persuni oħrajn li gawdew mill-benefiċċji tal-imsemmija klawsola ukoll f'ċirkostanzi li jixbhu lil tagħha, u kif ukoll li xi ħadd fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru tabilħaqq kien wegħedha li t-talba tagħha kienet qiegħda tinħadem u li kienet intlaqgħet. Itemmu billi jgħidu li, wara kollox, it-temm tal-ingaġġ tal-appellanti kien frott l-għeluq naturali taż-żmien miftiehem u mhux riżultat ta' ċirkostanza marbuta mat-temm tal-ħatra tal-President, li nzerta kien l-istess jum li fih għalaq il-kuntratt tal-ingaġġ tal-appellanti;

14. Illi fil-każ imressaq quddiem il-Qorti jidher li ż-żewġ naħat jistqarru li l-kliem tal-klawsola mertu tal-każ huwa ċar u li ma jeħtieġ l-ebda tifsir. Madankollu, minkejja dan, ma jaqblu xejn dwar it-tħaddim tagħha u dan

huwa l-qofol tal-kwestjoni li wasslet biex infetħet din il-kawża. It-tħaddim jew l-applikabilita` ta' klawsola f'kuntratt tiddependi mit-tifsir tagħha. Huwa aċċettat li meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux fissru rwieħhom b'mod ċar jew meta l-ħwejjeġ imsemmija jistgħu jfissru aktar minn ħaġa waħda, jew jekk wara li jkun sar il-kuntratt tinbet xi ħaġa li l-partijiet ma kinux ħasbu għaliha u nqalgħet kwestjoni dwarha, il-Qorti trid tidħol biex tfisser il-ftehim milħuq u li dan tagħmlu billi tqis x'kienet il-fehma tal-partijiet dakinhar li laħqu l-ftehim u kif din il-fehma toħroġ mill-qafas taċ-ċirkostanzi li nisslu dak il-kuntratt[16]. Il-liġi fiha sensiela ta' dispożizzjonijiet li jfasslu regoli, mhux assoluti, maħsuba biex jgħinu u jmexxu lill-Qrati dwar it-tifsir xieraq ta' kuntratti meta jinqala' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq daqshekk[17];

15. Illi l-fatt li kliem ta' konvenzjoni jkun jidher li huwa ċar, ma jfissirx li jkun tassew jirrifletti dak li fehmu l-partijiet b'mod li jista' jkun sostnut il-prinċipju li *in claris non fit interpretatio*[18]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-pożizzjoni meħuda mill-appellanti tixhed li huwa l-każ fejn is-sens tal-kelma ma jaqbilx mal-fehma tal-partijiet b'mod li l-fehma tipprevali fuq il-kelma miktuba[19], u dan jingħad għaliex huma l-appellati li ma għandhomx l-istess fehma dwar x'riedu jgħidu b'dik il-klawsola dawk il-partijiet li dehru fuq il-kuntratt. Għalhekk, filwaqt li l-appellanti tisħaq li

---

[16] App. Ċiv. **13.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri noe v. Vincenti*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.27**)
[17] App. Ċiv. **15.12.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et v. Cassar*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.704**)
[18] App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc v. Bank Ċentrali ta' Malta***
[19] Art. 1003 tal-Kap 16

dik il-klawsola kellha tgħodd għaliha minħabba li l-ħatra tal-President tar-Repubblika waslet fi tmiemha, l-appellati jgħidu li dik il-klawsola kellha tgħodd biss f'każ li tinqala' ċirkostanza eċċezzjonali fejn il-ħatra tal-President tintemm għal xi raġuni qabel il-waqt;

16. Illi fid-dawl ta' dan il-konflitt bejn il-partijiet, il-Qorti tqis li ladarba l-każ jaqa' fil-qafas tal-liġi tal-kuntratti, għandha timxi mar-regoli ewlenin li l-kuntratti jmisshom jitwettqu b'bona fidi mill-partijiet u jorbtu mhux biss għal dak li jingħad fihom, imma wkoll għall-konsegwenzi li r-rabta kuntrattwali ġġib magħha skond ix-xorta tagħha bl-ekwita`, bl-użu jew bil-liġi[20]. It-tifsir tal-kliem f'kuntratt, filwaqt li għandu jħares l-imsemmija prinċipji, jħaddan regoli għalih li l-liġi tgħid x'inhuma. Fost dawn ir-regoli hemm dik li trid li fejn is-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd il-fehma tal-partijiet[21];

17. Illi l-Qorti jidhrilha li, biex jidħol fis-seħħ it-tħaddim tal-klawsola 4.5 tal-kuntratt tal-ingaġġ tal-appellanti, riedet isseħħ iċ-ċirkostanza tat-temm tal-ingaġġ minħabba l-bidla tal-President. Fil-fehma tal-Qorti, dik kienet il-kondizzjoni operattiva li taħtha u dwarha dik il-klawsola kellha titfisser. Fl-ewwel lok, mill-kliem tal-istess klawsola, ma jidhirx li jista' jingħad li ċ-

---

[20] Art. 993 tal-Kap 16 u Kumm. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Cefalu et v. Gauċi noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1359**)

[21] P.A. PS **9.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Joselle Farruġia v. Pascal Demajo et noe et*** (mhix appellata)

ċirkostanza tal-bidla tal-President kienet taħseb biss għal meta l-ħatra tintemm qabel waqtha, kif jisħqu l-appellati. Kienet tkun ħaġ'oħra (u aktar xierqa li kieku tabilħaqq ir-rieda tal-partijiet kienet dik) li qabel il-kelma "*change*" tqiegħdet xi kelma oħra bħal "*premature*" jew "*untimely*" għaliex b'hekk ma kienx ikun hemm l-ebda dubju dwar x'kien maħsub f'dik il-klawsola. Għalhekk, ladarba ma ddaħħlet l-ebda kwalifika bħal dik, il-kundizzjoni tal-bidla tal-President tiġbor fiha wkoll u b'mod naturali t-temm tal-ħatra ta' dik il-kariga mal-għeluq taż-żmien maħsub fil-Kostituzzjoni. Fit-tieni lok, dik il-klawsola ddaħħlet għall-ħarsien tal-persuna ngaġġata u mhux għall-ħarsien tal-parti l-oħra, u fl-atti tal-kawża ngħatat xhieda ċara biżżejjed li turi li l-għan wara dik il-klawsola kien dak li l-uffiċjal pubbliku ingaġġat ma jsibx ruħu lampa stampa bla mpieg u bla dħul sakemm iseħħlu jsib impieg jew ingaġġ ieħor. Dan jgħodd aktar u aktar meta l-uffiċjal ingaġġat, bħalma kienet l-appellanti, ma tkunx persuna li ntgħażlet mis-servizz pubbliku u tkun ingħatat il-ħatra bħala persuna ta' fiduċja ("*person of trust*"). Fit-tielet lok, il-klawsola ddaħħlet fil-kuntratt tal-ingaġġ minkejja li dan kien kuntratt għal żmien definit (għalkemm, fil-każ tal-appellanti, kien diġa` ġġedded erba' darbiet b'sena kull tiġdida) u għalhekk huwa ċar li l-ħlas tal-benefiċċju tat-temm tal-ħatra maħsub f'dik il-klawsola kien benefiċċju mogħti lil hinn minn dak li jingħata s-soltu f'kuntratti ta' mpieg għal żmien li jagħlaq u fejn ir-rimedju mogħti lill-persuna ingaġġata f'każ ta' temm tal-ingaġġ joħroġ mil-liġi u mhux mill-

patti maqbula[22]. Għalhekk, il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellati meta jgħidu li l-appellanti tilfet il-jedd li titlob il-benefiċċju tat-temm tal-ħatra għaliex il-kuntratt tagħha għalaq minħabba li skadiet il-ħajja tiegħu. Bl-istess kejl, jekk kemm-il darba l-kuntratt tal-ingaġġ tal-appellanti kien imissu jagħlaq l-għada li l-President temm il-ħatra tiegħu, l-appellati ma kinux jopponu għat-talba tagħha biex tingħata l-benefiċċji terminali ta' temm l-ingaġġ;

18. Illi jifdal li l-Qorti tqis l-argument tal-appellati li t-tħaddim tal-klawsola 4.5 tal-kuntratt tal-ingaġġ irid jinqara mal-klawsola 3.5.i tal-istess kuntratt. L-appellati jgħidu li dik il-klawsola hija xhieda li dak maħsub fil-klawsola 4.5 u li fuqha l-appellanti ssejjes il-każ tagħha kollu jirrigwarda ċ-ċirkostanza eċċezzjonali ("*exceptional event*") tat-temm qabel waqtu tal-ħatra tal-President. Din il-Qorti diġa` tat il-fehmiet tagħha dwar it-tifsir xieraq li jidhrilha li għandha tingħata l-klawsola 4.5 tal-kuntratt u tqis li l-kelma "*exceptional*" fil-klawsola 3.5.i ma tibdilx dak it-tifsir. Huwa ċar ukoll li hija l-klawsola 4.5 li trieġi l-jedd u ċ-ċirkostanzi għall-eliġibilita` għall-benefiċċji tat-temm tal-ħatra u l-klawsola 3.5.i hija subordinata għal dik il-klawsola. Il-Qorti tagħraf li l-qafas tal-kuntratt tal-appellanti ttieħed mit-*template* u mudell tal-kuntratt ta' ingaġġ ta' persuni ta' fiduċja li jintuża f'oqsma oħrajn tas-servizz pubbliku[23]. Għalhekk, it-tqegħid tal-kelma

[22] Ara art. 36(11) tal-Kap 452
[23] Xhieda ta' Edgar Galea Curmi f'paġ. 37 tal-proċess u Dok "EGC1", f'paġġ. 44 sa 52 tal-proċess

"*exceptional*" fil-kuntratt tal-ingaġġ tal-appellanti jrid jinftiehem li seta' jirreferi għal ċirkostanzi differenti minn dawk li kienu jgħoddu għall-każ tal-appellanti. Wara kollox, kif ingħad qabel, ma hemm xejn "*eċċezzjonali*" fit-temm tal-ħatra tal-President tar-Repubblika li sseħħ mal-għeluq pre-stabbilit maħsub fil-Kostituzzjoni bil-bidla tal-persuna maħtura għal dak l-ogħla uffiċċju b'oħra li tidħol minflokha għal żmien determinat;

19. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma taqbilx mal-fehma mogħtija mill-ewwel Qorti dwar l-applikabilita` tal-klawsola 4.5 tal-kuntratt tal-ingaġġ u ssib li t-tifsira xierqa li jmissha tingħata lil dik il-klawsola twassal biex il-pretensjoni tal-appellanti li hija kellha jedd titħallas il-benefiċċju tat-temm tal-ħatra kienet mistħoqqa. Għalhekk, dan l-ewwel aggravju sejjer jintlaqa';

20. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tista' tieqaf hawn. Madankollu, ssib li t-**tieni aggravju** jkompli jikkonferma s-siwi tal-ewwel wieħed. Dan l-aggravju jinbena fuq l-ilment li l-ewwel Qorti ma tatx qies tal-fehma tal-partijiet li resqu fuq il-kuntratt tal-ingaġġ tal-appellanti u x'kellhom f'moħħhom meta ddaħħlet il-klawsola 4.5 fl-istess kuntratt. L-appellanti tgħid li mhux biss l-ewwel Qorti warrbet ix-xhieda tal-President emeritu nnifsu (li miegħu kellha taħdem u li f'ismu sar il-kuntratt tal-ingaġġ), iżda wkoll li naqset li tħaddem kif jixraq ir-regoli tat-tifsir tal-kuntratti u f'liema ċirkostanzi qorti jmissha tqis il-provi li jgħinu biex jitfissru

aħjar il-klawsoli f'kuntratt. L-appellanti żżid tgħid li mill-atti tal-kawża joħroġ b'mod ċar u lampanti li kienet il-fehma tal-partijiet kollha fuq il-kuntratt li hija kellha l-jedd tal-ħlas tal-benefiċċji tat-temm tal-ħatra hekk kif dan iseħħ, u kull tifsira oħra li tingħata lil dik il-klawsola tmur kontra l-fehma tal-partijiet u tikkontradixxi l-ispirtu tal-ftehim b'mod flagranti. Ittemm tgħid li, b'ħarsien tar-regoli li l-kuntratti għandhom jitwettqu b'bona fidi u li jikkostitwixxu l-liġi bejn il-partijiet, l-ewwel Qorti naqset li tagħmel apprezzament xieraq tal-fatti u tal-prinċipji legali li kienu jirrigwardaw il-każ tagħha;

21. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li ladarba l-appellanti għażlet li tqanqlu jixhed kemm ma kinitx ċerta mill-ewwel aggravju tagħha, u ta' xejn issejjaħ lil dan it-tieni aggravju tagħha bħala wieħed sussidjarju, għaliex dan ifisser biss li l-klawsola mertu tal-każ ma kinitx tfisser dak li trid l-appellanti. Iżidu jgħidu li l-eliġibilita` tal-benefiċċju tat-temm tal-ħatra li l-appellanti qiegħda tippretendi f'din il-kawża, kienet tiddependi minn ġrajjiet preċiżi li, jgħidu x'jgħidu l-partijiet li dehru fuq il-kuntratt, jiddeterminaw meta u jekk dik il-persuna jistħoqqilhiex tirċievi dawk il-benefiċċji. Itennu li l-klawsola 4.5 tal-kuntratt tal-ingaġġ kienet tibda tgħodd biss f'każ ta' temm qabel waqtu tal-kuntratt tal-ingaġġ, u li dak il-kuntratt ma kienx il-frott ta' negozjati, imma kien meħud kważi kelma b'kelma mill-mudell ta' kuntratt *standard* li jintuża mill-PAHRO kull meta jsir ftehim ta' ingaġġ ta' persuna fis-servizz pubbliku fuq bażi ta'

"*person of trust*" li ma tkunx diġa` uffiċjal pubbliku li jkun iservi fis-servizz pubbliku;

22. Illi b'żieda ma' dak li ngħad qabel dwar l-ewwel aggravju tal-appellanti, il-Qorti tagħraf li huwa stabbilit li hemm lok għall-interpretazzjoni ta' klawsoli kuntrattwali għalkemm il-kliem ikun ċar meta, mill-istess kuntest l-intenzjoni tal-partijiet tkun tidher manifesta, għaliex huwa assodat fid-duttrina li l-Qrati għandhom jagħmlu l-interpretazzjoni mhux fil-każ biss li l-kliem ikunu oskuri, iżda wkoll meta jkun hemm konflitt bejn il-kliem, anke ċari, u l-intenzjoni rikavata mill-istess kuntest tad-dispożizzjoni tal-bniedem[24];

23. Illi, fid-dawl ta' dan it-tagħlim, din il-Qorti ssib li għalkemm dan l-aggravju tassew huwa sussidjarju għall-ewwel wieħed, madankollu, minn qari tax-xhieda li tinsab fl-atti tal-kawża, toħroġ ċara l-fehma li t-tħaddim xieraq tal-klawsola 4.5 tal-kuntratt tal-ingaġġ tal-appellanti ma jaqbilx mat-tifsira li qegħdin jagħtuh l-appellati u li tatu l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis bħala rilevanti għall-aħħar ix-xhieda tal-persuna li magħha l-appellanti daħlet fir-rabta kuntrattwali – jiġifieri l-President emeritu[25]. Minn din ix-xhieda, il-Qorti tislet kunsiderazzjoni partikolari ta' effett legali u mhux biss probatorju. Dak ix-xhud kien il-kontraent flimkien mal-appellanti fil-kuntratt tal-ingaġġ

[24] App. Ċiv. **1.7.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Galea v. Vella*** (Kollez. Vol: **LXIX.ii.276**)
[25] Ara x-xhieda tiegħu f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess

tagħha: ix-xhieda tiegħu dwar l-imsemmija klawsola tagħmilha ċara f'liema ċirkostanzi l-appellanti kienet intitolata għall-ħlas tal-benefiċċju tat-temm tal-ħatra tagħha. Imkien f'dik ix-xhieda ma toħroġ li l-benefiċċju kien jitħallas biss f'każ tat-temm qabel waqtu tal-kuntratt tal-ingaġġ tagħha. Fit-tieni lok, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri s-soltu meta tinqala' kwestjoni dwar it-tħaddim ta' kuntratt, f'dan il-każ il-"kontro parti" fuq l-istess kuntratt qiegħed jieħu ċar u tond pożizzjoni favur l-appellanti. Huma l-appellati biss li, wara li għalaq il-kuntratt, dehrilhom li kellhom jagħtu tifsira differenti ta' kif u meta titħaddem dik il-klawsola. Fit-tielet lok, jekk inhu minnu, kif jgħidu l-istess appellati, li l-klawsola u l-qafas in ġenerali tal-kuntratt tal-ingaġġ mertu tal-każ kien meħud mill-kuntratt *standard* ("*template*") li jintuża mill-PAHRO fil-każ ta' kull min jinħatar fis-servizz pubbliku bħala "*person of trust*" minn barra s-servizz ċivili, allura kellha raġun l-appellanti tgħid li kien fil-każ tagħha li l-klawsola 4.5 tal-kuntratt ingħatat tifsira differenti minn dik li ngħatat f'każijiet oħrajn ta' persuni li tħallsu l-benefiċċju tat-temm tal-ħatra minkejja li ma kienx hemm temm qabel waqtu tal-kuntratt tal-ingaġġ tagħhom[26]. Quddiem l-ewwel Qorti ngħatat xhieda rilevanti wkoll dwar x'kien il-ħsieb wara t-tfassil tal-klawsola 4.5 tal-kuntratt, l-għan li kienet maħsuba li tilħaq u f'liema ċirkostanzi kienet tgħodd[27];

---

[26] Ara x-xhieda ta' Gordon Pisani f'paġġ. 61 – 2 tal-proċess
[27] Ara x-xhieda ta' Edgar Galea Curmi, f'paġġ. 39 sa 41 tal-proċess

24. Illi minn dik ix-xhieda, din il-Qorti tasal biex tagħraf li l-fehma tal-partijiet fuq il-kuntratt kienet speċifika daqskemm univoka u hija fehma li toqgħod mal-pretensjonijiet tal-appellanti fil-kawża tallum. Għalhekk, dan l-aggravju kien ikun mistħoqq ukoll li kieku l-ewwel aggravju ma ntlaqax;

25. Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-appell tal-attriċi huwa mistħoqq. Għall-finijiet tat-tieni u l-ħames talbiet attriċi, is-somma li l-appellanti kien jistħoqqilha tirċievi skond l-imsemmija klawsola 4.5 tal-kuntratt kienet determinata minn dik il-klawsola nnifisha u, meta mqabbla mal-iskala tal-ħlas stabbilita fil-klawsoli 3.1 u 3.2 tal-kuntratt relattiv, titla' għal erbatax-il elf tliet mija u tmienja u disgħin euro u għoxrin ċenteżmi (€14,398.20)[28]. Din hija s-somma li l-appellati jridu jħallsu lill-appellanti;

***Deċide:***

26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-appell** tal-attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Settembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija billi, **tikkonfermaha** safejn ċaħdet it-tielet u r-raba' talbiet attriċi, u l-ħames talba attriċi safejn tirrigwarda l-imsemmija żewġ talbiet, ladarba ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza; **tħassarha** fil-bqija

[28] (€23,997 + €4,799.40) x 26/52 = € 14,398.20

billi: tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi u, għall-finijiet tat-tieni talba attriċi, tillikwida s-somma li l-attriċi jistħoqqilha tirċievi bħala benefiċċju tat-temm tal-ħatra tagħha fl-ammont ta' erbatax-il elf, tliet mija u tmienja u disgħin euro u għoxrin ċenteżmu (€14,398.20), u billi tilqa' l-ħames talba attriċi u tikkundanna lill-intimati appellati jħallsuha, flimkien u solidalment bejniethom, is-somma hekk likwidata; u **tirriformaha** fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż billi tordna li l-ispejjeż ta' dik l-istanza jitħallsu ndaqs bejn il-partijiet ladarba ntlaqgħu biss nofs it-talbiet attriċi; u

**Tordna** li l-intimati jħallsu l-**ispejjeż ta' dan l-appell.**

| Mark Chetcuti | Joseph R. Micallef | Tonio Mallia |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr